# Niftakru fl-Inkurunazzjoni... 35 sena ilu

*Kitba u ritratti ta' Victor B. Caruana*

Kull sena fil-Mosta nhar il-15 ta' Awwissu tiġi ċċelebrata b'solennita kbira u devozzjoni l-Festa Titulari tal-Beata Verġni Marija Mtellgħa s-Sema. Din hija aktar magħrufa mal-Mostin bħala l-Festa ta' Santa Marija. Din is-sena din għandha importanza speċjali billi tfakkar il-35 sena mill-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari li jinsab fil-Kor tar-Rotunda.



*Folol kbar ta' nies minn kull parti ta' Malta minn kmieni wara nofsinhar mlew Pjazza Rotunda kif ukoll Triq Il-Kungress Ewkaristku biex jassistu għaċ-Ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni.*

Ir-raħal tal-Mosta kien parti mill-Parroċċa tan-Naxxar għal 172 sena. Kien l-Isqof Tommaso Gargallo li ddikjara l-Mosta bħala parroċċa awtonoma fis-16 ta' Settembru 1608. Din il-Parroċċa ġdida ġiet iddedikata lil Beata Verġni Marija Mtellgħa s-Sema, b' Dun Ġwann Bezzina bħala l-ewwel Kappillan tagħha. Iżda f'dan id-digriet tal-Isqof Gargallo kien hemm miktub illi d-drittijiet ewlenin tal-Parroċċa tal-Mosta kellhom jibqgħu tal-Kapillan tan-Naxxar il-Wisq Rev. Dun Ġiljan Borg sal-mewt tiegħu. Għalhekk l-Mosta nqatgħet kompletament mill-matriċi tan- Naxxar fl-14 ta' Lulju 1610 mal-mewt ta' dan il-Kappillan.

L-ewwel kappillan Dun Ġwann Bezzina kien Mosti u nħatar mill-Isqof Tomaso Gargallo fl-10 ta' Novembru 1610. Kien hu li qabbad lil magħruf Perit Tomaso Dingli biex jibni dik li llum insibuha bħala l-Knisja l-Qadima. Kif naraw fit-tpinġija tagħha li nsibu fis-sagrestija tar-Rotunda, għalkemm ma tantx kienet kbira, kienet tassew sabiħa. Il-knisja ta' Ħ'Attard u tal-Għargħur saru mill-istess Tomaso Dingli. Dun Ġwann Bezzina miet fid-29 ta' Novembru 1617.



*In-Nutar is-Sur Francis Micallef B.A. L.L.D. jiffirma l-kuntratt ta' l-Inkurunazzjoni. Ma' ġenbu hemm iż-żewġ xhieda fuq ix-xellug l-Onor. Perit is-Sur Lawrence Gatt B.Arch., A & CE u fuq il-lemin. l-Onor. Ministru s-Sur Alfred Micallef*

Il-Kwadru Titulari tal-Knisja l-Qadima kien iddedikat lill-Santa Marija Assunta. Sa ftit ilu tax-xhur ilu konna niġu mgħallmin li dan kien xogħol il-pittur Pasquale Buhagiar. Iżda issa l-istorja niblet. Dan l-għaliex skond studju kbir xjentifiku mill-Prof. Keith Sciberras, issa dan għandu valur wisq akbar għaliex dan ġie attribwit bi provi xjentifiċi qawwija lill-magħruf pittur tas-Seklu Sbatax Stefano Erardi. Huwa pprova wkoll li Pasquale Buħagiar vera pinġa kwadru ta' l-Assunta fil-Mosta. Iżda dan jinsab fil-Kappella ta' Wejda.



Ftit minuti qabel l-Inkurunazzjoni L-E. T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi jbierek il-Kuruna li qed tinżamm fuq imħadda tal-bellus mill-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef Prof. J.J. Cremona

Jingħad li din il-pittura kienet tkabbret u l-ewwel darba li ġiet irrestawrata kien fl-1827 mill-artist Giuseppe Hyzler. Meta tlestiet ir-Rotunda fil-bidu tas-sena 1860, il-Mostin ħattew il-Knisja l-Qadima li r-Rotunda kienet inbniet madwarha, u l-Kwadru Titulari tpoġġha fil-knisja l-ġdida. Biex setgħa jsir dan il-pittura kellha tiġi mkabbra u dan sar mill-pittur Salvatore Barbara fl-1860.

Din il-pittura reġgħet ġiet restawrata madwar sittin sena ilu minn Vincenzo Bonello. Reġgħet ġiet restawrata kien fl-1975 mis-Sur Maurice Cordina. L-aħħar li ġiet restawrata kien fis-sena 2000 mis-Sur Alfred Briffa.

F' Novembru 1973 saret petizzjoni mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Bartolomeo Bezzina li f'ismu, f'isem il-kleru u l-poplu Mosti lil Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi sabiex dan il-Kwadru Titulari jiġi nkurunat solennement. L-Arċisqof Mikiel Gonzi laqa' din il-petizzjoni bil-ferħ u ppreżentaha personalment lil Papa Pawlu VI. Il-Q.T. Il-Papa aċċetta din it-talba b'dokument li bih awtorizza lill-Arċisqof jinkuruna din ix-xbieha f'ismu. Id-dokument kien iffirmat fit-12 ta' Diċembru 1973.

L-Arċipriet Dun Bert Bezzina qara dan id-dokument li intlaqa' b'ċapċip kbir waqt Quddiesa Ta' Radd Il-Ħajr fir-Rotunda nhar il-15 ta' Frar 1974. L-Arċipriet u l-kleru ħejjew programm għaċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi interni. Twaqqaf kumitat immexxi mill-istess Arċipriet biex jorganizza l-festi esterni.

Kien hemm stennija kbira mill-Mostin għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, li fetħu uffiċjalment fit-30 ta' Lulju 1975 b'pellegrinaġġ bir-relikwija tal-Madonna mill-Oratorju Qalb Ta' Ġesu sar-Rotunda. Il-Vigarju Ġenarali Mons. Gużeppi Mercieca mexxa l-korteo flimkien mal-kleru Mosti, Għaqdiet reliġjuzi u lajċi kif ukoll il-poplu Mosti.

Fil-31 ta' Lulju saret Quddies Solenni bir-Rit Orjentali mill-Papas tal-Griegi. Fl-1 t'Awwissu saret Quddiesa Solenni oħra mill-Kapillani u l-kleru ta' żewġ Santwarji oħra tal-Madonna, dak ta' Ħaż-Żabbar u tal-Mellieħa. Il-Kappillani kienu Dun Ġużepp Vella ta' Ħaż-Żabbar u Dun Ġużepp Schembri tal-Mellieħa.

Patri Elija Vella Provinċjal tal-Patrijiet Konventwali Minuri kkonċelebra flimkien mal-Komunita tiegħu fit-2 ta' Awwissu. Fl-istess ġurnata filgħaxija saret Ċelebrazzjoni Nazzjonali Marjana. Il-poplu Mosti kien miġbur fit-tarf ta' Triq Il-Kungress Ewkaristiku. Minn hawn telaq pellegrinaġġ




In-Nutar s-Sur Francis Micallef jaqra l-Kuntratt ta' l-Inkurunazzjoni. Fuq ix-xellug hemm is-Sur Giuseppe Grech li ffirma f'isem il-poplu Mosti. Jidhru wkoll iż-żewġ xhieda l-Onor. Ministru s-Sur Alfred Micallef u l-Onor il-Perit is-Sur Lawrence Gatt

fl-10.00pm bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija sar-Rotunda. Din tpoġġiet fuq iz-zuntier fejn saret Konċelebrazzjoni minn numru kbir ta' saċerdoti u patrijiet immexxija minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

Fit-3 ta' Awwissu ġie ċċelebrat JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ. Fl-4.30pm saret sfilita mill-Għaqdiet u organizazzjonijiet taż-żgħażagħ Mostin segwita b'Folk Mass immexxija min Mons. Victor Grech. Fit-8pm sar pageant kbir "Il-Mosta Tul Iż-Żminijiet" fil-Pjazza mill-Grupp Jien u l-Oħrajn immexxi mis-Sur Joe Quattromani.



*Nhar l-10 ta' Awwissu 2000 tpoġġew tnax l-istilla tad-deheb madwar ras ix-xbieha tal-Madonna tal-Kwadru Titulari. L-istilel jidhru ftit minuti qabel fuq l-istess mejda li fuqha kien ġie iffirmat il-kuntratt ta' l-Inkurunazzjoni 25 sena qabel. Il-mejda hija propjeta tal-familja tas-Sur Giuseppe Grech*

Fl-4 ta' Awwissu saret Konċelebrazzjoni mill-Patrijiet Karmelitani mmexxija mill-Provinċjal Patri Giustino Sant. Fil-5 ta' Awwissu sar l-istess mill-Provinċjal Dominikan Patri Eugenio Cachia u l-Komunità tiegħu. Il-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat għamlu Konċelebrazzjoni fis-6 ta'Awwissu .

Fis-7 ta' Awwissu kien imiss lill-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta u l-aħħar waħda saret mill-Kolleġjata tal-Bażilika ta' Sant' Elena ta' Birkirkara. L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi ġarr ir-Relikwija tal-Madonna mill-Oratorju Qalb Ta' Ġesù sar-Rotunda akkompanjat mill-Monsinjuri tal-Katedral tal-Imdina. Fit-8pm saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Paul Galea ex-Arċipriet tal-Mosta.

Fl-aħħar wasal il-Ħadd 10 ta' Awwissu 1975 jum ta' ċelebrazzjonijiet twal u tant mistenni mill-kleru u l-poplu Mosti. Il-jum fetaħ b'Quddiesa fid-9am li fiha numru kbir ta' subien u bnīet irċevew l-Ewwel Tqarbina. Fis-6.30pm numru kbir ta' saċerdoti, patrijiet u sorijiet imxew mill-Oratorju Qalb Ta' Ġesu sar-Rotunda. Mexxew dan il-korteo Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, l-Isqof Gużeppi Mercieca, u l-Isqof Mons. Nikol Cauchi t'Għawdex flimkien mal-Arċipriet Dun Bert Bezzina.

Magħhom mexa wkoll Il-Prim Imħallef Prof J.J. Cremona li żamm il-kurunu tad-deheb li kellha titpoġġa fuq ras ix-xbieha tal-Madonna. Mal-wasla fuq iz-zuntier tar-Rotunda bdiet Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni fuq l-istess zuntier. Aktar minn 50,000 ruħ kienu preżenti għal din iċ-ċerimonja storika. Wara l-Vanġelu u l-Omelija minn Mons. Arċ. M. Gonzi, qara d-dokument tal-Papa u l-Arċisqof ippreżenta l-Kuruna lil Arċipriet Dun Bert Bezzina.




*L-orkestra u l-kor waqt il-Konċelebrazzjoni fuq iz-zuntier nhar l-10 ta' Awwissu 2000, f'għeluq il-25 sena mill-Inkurunazzjoni*

In-Nutar Francis Micallef qara l-Kuntratt li kien jorbot lill-Arċ. Dun Bert Bezzina bħala responsabbli li jara l-kuruna dejjem tibqa fuq ras ix-xbieha tal-Madonna. Kien hemm tlett xhieda għal dan il-kuntratt. Dawn kienu l-Ministru Freddie Micallef, il-Membru Parlamentari l-Perit Lawrence Gatt u s-Sur Gużeppi Grech f'isem il-poplu Mosti. L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi u l-Isqof Mons.Nikol Cauchi poġġew l-Kuruna fuq ix-xbieha tal-Madonna assistiti mill-Isqof Mons.Gużeppi Mercieca u l-Arċ. Dun Bert Bezzina. Kienu t-tmienja neqsin għoxrin minuta. Hawnhekk inqrat Barka Speċjali lil Poplu Malti mill-Q.T. Il-Papa Pawlu VI.





*L-Arċipriet Dun Joe Carabott ipoġġi waħda mill-istelel tad-deheb madwar ix-xbieha tal-Madonna tal-Kwadru Titulari*

Bosta personalitajiet distinti kienu preżenti għal din iċ-ċerimonja bil-mistednin speċjali l-President ta' Malta Sir Anthony Mamo u Lady Mamo. Il-kuruna prezjuża kienet iddisinjata mis-Sur Joseph Galea tar-Rabat (Malta) u maħduma mis-Sur Roger Mizzi ta' Birkirkara. Il-kuruna swiet £m1774.47 Din kienet tikkonsisti minn sittax u nofs uqija deheb ta' 22 karat, 8 rubini, 4 sefiri, numru ta' perli u 67 djamant.

Iċ-ċelebrazzjonijiet ma waqfux hawn. L-għada 11 ta' Awwissu is-sorijiet tal-Ordinjiet kollha ta' Malta ħadu parti f'Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu ta' Bormla mmexxija mill-Isqof Mons. Nikol Cauchi t'Għawdex. L-Isqof Mons. Gużeppi Mercieca mexxa Konċelebrazzjoni oħra nhar it-tnax ta' Awwissu flimkien mal-Kolleġġjata tal-Birgu. Din kienet iddedikata lill-emigranti Mostin.

Nhar it-13 ta' Awwissu kienet okkażjoni speċjali ddedikata lill-morda u l-anzjani. Dak in-nhar saret Quddiesa għalihom minn Mons. Mikiel Azzopardi l-Fundatur Tad-Djar Tal-Providenza. Dakinhar stess filgħaxija saret Quddiesa Pontifikali minn Nunzju Appostoliku Mons. Antonio Del Giudice flimkien mal-Kolleġjata tal-Isla.

Fl-14 ta' Awwissu filgħodu tkanta t-Te Deum u saret Quddiesa Kantata minn Dun Rafel Demartino. Fis-7pm il-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof ta' Napli mexxa l-Vespri Solenni flimkien mal-Monsinjuri tal-Katedral ta' l-Imdina. Wara saret Quddiesa Kantata minn Mons. Alan Fenech, iz-ziju ta' Dun Rafel Demartino.

Iċ-ċelebrazzjonijet tal-15 ta'Awwissu 1975 kienu kbar u ferm ikkuluriti. Dawn bdew b'purċissjoni trijonfali minn tarf Triq Il-Kungress Ewkaristiku sar-Rotunda. Il-Kardinal Corrado Ursi flimkien mal-Arċipriet Dun Bert Bezzina twasslu sar-Rotunda ġo karozzella miġbuda mill-Poplu Mosti. Dawn kienu eskortati mill-Kavallerija tal-Puluzija. Sar Pontifikal kbir immexxi mill-Kardinal Corrado Ursi flimkien mal-Kapitolu tal-Imdina b'paniġierku mill-isbaħ mill-istess Kardinal.

Wara l-Pontifikal, il-Vara Titulari ta' Santa Marija tressqet mal-pulptu, fejn telgħa l-Kardinal Corrado Ursi. Min hemm huwa libbes ċurkett prezzjuż fis- sebgħa ż-żgħir ta' id il-Madonna. Fis-7pm ħarġet il-Purċissjoni ta' Santa Marija, immexxija mill-Kardinal Corrado Ursi, flimkien mal-Kleru Mosti u l-Kanonki ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu.

Il-Kardinal Corrado Ursi ħalla Malta l-għada wara nofsinhar wara li l-Arċ. Dun Bert Bezzina ppreżentalu dgħajsa Maltija tal-fidda fil-V.I.P. Lounge ta' l-Ajruport ta' Ħal Luqa. B'hekk intemmu 16-il ġurnata ta' ċelebrazzjonijet konnessi mal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari. Fl-10 ta' Awwissu 2000 il-Kwadru Titulari reġgħa nħareġ fuq iz-zuntier f'għeluq il-25 sena mill-Inkoronazzjoni tiegħu. Dakinhar twaħħlu 12-il stilla tad-deheb madwar ras il-Madonna. Dawn kienu saru bil-ħidma tal-Arċipriet Dun Joseph Carabott.

Referenzi:
"STORJA TAL-MOSTA" miġbura minn E.B. Vella u oħrajn. (Editur Dun Anġ Camilleri).